Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 385/2013

Il-Pulizija

[Spettur Gabriel Micallef]

Vs

Andre' Falzon

Illum, 19 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Andre' Falzon, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 113892M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil- lejl ta' bejn it- 8 u id- 9 ta' Awwissu 2013 u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ittenta jittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
2. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 120A tal-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

3. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-9 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9, Arikoli 8(d) u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, A.L. 22/85 oltre Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-imputat ANDRE' FALZON hati ta' l-akkuzi u kkundannatu tliet (3) snin prigunerija effettivi.

Oltre dan, il-Qorti ikkundannat lill-imputat ihallas multa ta' elf ewro (€1,000).

In oltre, il-Qorti tat ir-rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jibda' programm ta' rijabilitazzjoni sabiex johrog mill-vizzju tad-droga.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress li f'dawn l-atti ma saret l-ebda nomina simili.

Finalment, irriservat li tipprovdi dwar id-distruzzjoni tad-droga esibita formalment una volta l-istess droga tigi esebita materjalment, meta f'dak il-kaz tirriserva li tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli'.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Andre' Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Settembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellate billi tillibera lil esponenti minn kull htija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellate, billi tvarja l-piena inflitta u dan billi timpani piena katar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti qatt ma seta' jinstab hati skond l-akkuzi kif dedotti stante illi fid-data indikata fic-citazzjoni u fis-sentenza ma jirrizulta l-ebda mod lanqas mill-investigazzjonijiet tal-pulizija li sehhew il-fatti attribwiti lill-esponenti fil-kumplament tal-akkuza illi peremezz taghha gie mressaq il-Qorti. Filwaqt illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija jikkoncernaw fatti li sehhew waqt party li nzamm gewwa Kordin fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru, 2013, jirrizulta car illi invece, il-prosekuzzjoni erronjament akkuzat l-esponet li wettaq reati f'data kompletament differenti senjatament fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Awwissu, 2013 u il-jiem ta' qabel u li ghaldaqstant l-esponent qatt ma seta' jinstab hati li kkommetta reati fid-dati indikati mill-prosekuzzjoni fl-akkuzi li permezz taghhom gie mressaq il-Qorti u ghaldaqstant ghandu jigi ddikjarat mhux hati u liberat mill-imputazzjonijiet kif dedotti;

Illi minkejja l-ammissjoni registrata mill-esponent fl-ewwel udjenza fil-prezentata u kif assistit mill-avukat tal-ghajnuna legali peress illi l-imputazzjonijiet kif dedotti ma jistghux jirrizultaw u peress illi m'huwiex fl-ahjar interess tal-gustizzja li persuna tigi misjuba hatja ta' fatti illi ma sehhewx, l-esponent jitlob umilment lil din l-Onroabbli Qorti tiddikjarah mhux hati u tillbierah mill-imputazzjonijiet kif deotti;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, f'kaz li l-Qorti joghgobha ma takkoljix l-ewwel aggravju, l-esponenti jirrileva illi l-piena erogata fic-cirkostanzi hija wahda

esagerata meta wiehed jikkunsidra l-fatturi mitiganti bhalma huma l-eta tal-esponenti, il-kooperazzjoni shiha tieghu mal-awtoritajiet nvestigattivi, il-fedina penali netta kif ukoll l-ammissjoni tieghu fl-iktar stadju bikri;

Illi ghal kull buon fini u f'kaz li l-Qorti joghgobha ma takkoljix l-ewwel aggravju, l-esponent umliment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li jigi mhejji pre sentencing inquiry report sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni ahjar tikkalibra l-piena xierqa u gusta ghal-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qieghed preliminarjament jissolleva n-nullita tad-decizjoni impunjata u dan billi huwa gie misjub hati li ikkometta r-reati addebitati lilu meta il-fatti attribwieti lilu kienu jirreferu ghal data ohra u mhux dik indikata fl-akkuza u dan ghalkemm huwa ammetta l-istess akkuzi fl-ewwel udjenza meta huwa tressaq il-Qorti b'arrest. Dan ghaliex isostni illi ghalkemm huwa gie arrestat mill-pulizija waqt *party* fil-lejl ta' bejn it-08 u id-09 ta' Settembru 2013 u dan kif jirrizulta anke mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fil-jum li gie arrestat, huwa gie akkuzat u sussegwentement misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess li ikkometta dawn ir-reati fil-lejl ta' bejn it-08 u id-09 ta' Awwissu 2013 u fil-jiem ta' qabel. Ghalhekk jikkontendi illi huwa qatt ma seta jinsab hati li ikkometta ir-reati addebitati lillu fid-data indikata fl-akkuza u ghalhekk kellu jigi illiberat u dan minkejja l-ammissjoni tieghu.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi qabel xejn ghandha tigi itrattata dina l-impunjattiva billi l-istess jista' ikollha effett fqu l-ezitu ta' dan l-appell.

Illi mill-atti probatorji jemergi illi fid-09 ta' Settembru 2013, l-appellanti gie mressaq il-Qorti taht arrest akkuzat bir-reat tat-traffikar u assocjazzjoni fl-istess ta' medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) kif ukoll tal-pussess illegali tal-pjanta *cannabis*. L-akkuzi kienu jirreferu ghad-data tal-lejl bejn it-08 u id-09 ta' Awwissu 2013 u/jew fil-jiem ta'qabel. Illi fl-ewwel udjenza gie nominat l-avukat tal-ghajnuna legali biex jassisti lill-appellanti u wara li inqrat l-akkuza mill-ufficjal prosekutur, li ikkonferma l-istess bil-gurament tieghu, l-appellanti ammetta l-istess. Moghti zmien biex

jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu huwa jirriafferma l-istess u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fejn l-appellanti gie misjub hati tal-akkuzi kif imputati lilu u ikkundannat ghal tlett snin prigunerija u multa ta' elf ewro. Illi provi ohra in atti ma hemmx ghajr ghall-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti meta gie arrestat u interrogat, liema stqarrija giet esebieta mill-prosekuzzjoni minn fejn jirrizulta illi din giet rilaxxjata fid-09 ta' Settembru 2013 ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu u dan wara li l-appellanti kien gie arrestat waqt *party* gewwa Kordin ftit tas-sighat qabel. Jidher mill-istess stqarrija illi mal-arrest tieghu saret tfittxija u fuq persuntu instab l-ammont ta' 57 pillola *ecstasy* li hu stqarr li kienu fuqu sabiex ibieghhom. Fil-pussess tieghu jirrizulta illi instabet ukoll borza zghira bi tracci suspettuzi li l-appellanti ammetta mal-pulizija li kienet *cannabis grass* billi huwa ipejjep il-haxixa.

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.*** [1] "(sottolinjar tal-Qorti)

[1] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas proceduraIi daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, <u>bil-partikularitajiet ta' zmien</u> u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw…...*"

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi*

*f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.

Ghal dawn il-motivi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(6) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti qed tillibera lill-appellanti minn kull htija ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur